MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 737/2001/1

**L-Avukat Dottor Tonio Fenech et noe**
**vs**
**L-Avukat Dottor Patrick Spiteri pro et noe et**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat ir-rikors ta’ l-attur tas-6 ta’ Mejju 2005 a fol. 672;

Rat ir-risposta ta’ Dr.Patrick Spiteri a fol. 675;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw dana r-rikors;

**Rikors**

Illi l-attur noe qed jitlob permezz tar-rikors in kwistjoni li, in vista tal-fatt li meta nhareg il-mandat ta’ sekwestru kontra

l-konvenuti ma rrizultax li l-fondi li Ronald Luther Philips jghid li ghadda lill intimati ghadhom jezistu fil-kont tad-ditta tal-intimati fejn suppost gew depozitati u lanqas ma jidher li huma depozitati f'xi akkont iehor f'isem il-konvenuti jew xi wiehed minnhom, il-Qorti tordna lill-konvenuti jiddepozitaw fil-Qorti is-somma mertu tal-kawza oltre l-imghax jew jipproducu prova konkreta li dawn il-flus ghadhom jezistu permezz ta' kontijiet originali mahruga mill-bank jew istituzzjoni finanzjarja ohra.

## Risposta

Il-konvenut Patrick Spiteri wiegeb ghal dina t-talba u ghamel is-segwenti oggezzjonijiet:

1. Li t-talba hija legalment infondata u l-Qorti m'ghandhiex timponi ebda provvediment li ghandu l-karattru ta' mandat kawtelatorju jekk dak il-mandat ma huwiex espressament prevvist mill-ligi.

2. Li apparti l-mandat ta' sekwestru inhargu mandati ta' inibizzjoni fuq diversi assi mobbli (ishma) u immobbli li jappartjenu lilu u diversi kumpaniji tieghu u f'idejn il-konvenuti l-ohra.

3. Li effettivament it-talba tolqot direttament il-mertu tal-kawza, u fi kwalunkwe kaz ir-rikorrent ghadu ma ghurix li l-flus jappartjenu lilu u li ghalhekk ghandu interess ikun jaf jekk jezistux il-flus u fejn jinsabu.

4. Li, skond hu, il-flus in kwistjoni huma frott ta' evazjoni fiskali u ghalhekk ma jistghux jigu depozitati taht l-Awtorita' tal-Qorti minhabba interess pubbliku.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Dwar l-ewwel oggezzjoni tal-konvenut Patrick Spiteri l-Qorti tirrileva li hawn mhiex kwistjoni ta' hrug ta' mandat kawtelatorju iehor imma biss ta' talba wara li nhareg

mandat ta' sekwestru biex il-flus li allegattament qeghdin ghand il-konvenuti jitqieghdu taht il-kustodja tal-Qorti.

Kwantu ghat-tieni oggezzjoni mhux kontestat li fil-fatt inhargu mandati ohra izda t-talba specifika fir-rikors hija dwar il-flus li allegatament gew depozitati ghand il-konvenuti.

Kwantu ghal-tielet u raba' oggezzjoni l-Qorti taqbel mal-konvenut li jekk il-Qorti tiddeciedi fuq it-talba kontenuta fir-rikors hi bil-fors trid tiehu in konsiderazzjoni certi fatti – per ezempju l-appartenza tal-flus, l-legalita' taghhom u min mill-konvenuti jistghu jkunu dovuti l-flus - li s'issa ghadhom kontestati u li l-Qorti ghad trid tiddeciedi dwarhom fil-mertu fil-gudizzju finali taghha.

**Decizjoni**

Ghalhekk it-talba taht dan l-aspett hija tempestiva u ghalhekk qed tigi michuda.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------